FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 t'April, 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 537/00JR**

**Josef Delicata**

**vs**

**Roderick Schembri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 t'April, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00), rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-28 t'Awissu, 1999, gewwa Buskett Gardens, Buskett, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur, bin-numru ta' registrazzjoni GAF-679, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni, BCY-862, liema incident sehh**

**unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 5 ta' Jannar, 2000, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta` Omnibus Pool, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta' Gunju, 2000, fejn intqal li l-konvenut qed jikkontesta t-talba peress:**

i. **illi s-somma m'hix dovuta peress illi l-incident sehh unikament tort ta' l-attur li baqa' diehel f'"coach" pparkjata mal-hajt;**
ii. **illi l-konvenut m'ghandu l-ebda htija ghall-incident awtomobilistiku li sehh kif imsemmi mill-attur;**
iii. **bla pregudizzju t-talba attrici hija eccessiva peress li l-hsara kkawzata kienet minima;**

**salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Josef Delicata, Jesmond Pace, Louis Cauchi u Emma Cauchi, u Roderick Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-28 t'Awissu, 1999, fit-Triq tal-Buskett, il-Buskett. Involuti fil-kollizzjoni kien il-"coach" numru BCY-862 misjuqa mill-konvenut u l-karrozza GAF-679 misjuqa mill-attur.**
2. **L-attur qed jallega li l-konvenut irriversja ghall-fuqu. Il-konvenut qed jghid li hu kien ipparkjat mal-hajt, meta l-attur dahal fih minn wara fuq in-naha tal-lemin.**
3. **L-attur jghid: "Il-coach kien wieqaf pero` startjat. Jien waqaft warajh fuq genb biex jarani. F'daqqa wahda irriversja fuqhi." Skond l-attur kien ilu wieqaf xi minuta jew tnejn qabel ma hass id-daqqa, u kien xi zewg metri l-boghod minnhu. L-attur jghid li kif beda jirriversja paqpaqlu.**
4. **Dwar il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut l-attur jghid li din kienet ghall-nofs it-triq. Pero` dan hu kontradett minn Louis Cauchi li jghid li kienet mal-hajt. Fi kwalunkwe kaz jirrizulta li l-attur ma kellux minn fejn jghaddi bl-ispazju li kien halla l-konvenut.**
5. **Huwa konfermat mix-xhieda ta' Louis Cauchi u Emma Cauchi, passiggiera ma' l-attur, li l-attur kien wieaf meta l-konvenut irriversja ghall-fuqhom.**
6. **Il-konvenut jghid li hu kien waqaf hdejn ic-cint biex inaddaf il-hgieg tal-vettura tieghu, billi jitla` fuq ic-cint. Hu jsostni li meta dahal fil-kabina tas-sewwieq hass id-daqqa.**

7. **Ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma li fl-ewwel lok definitivament dak ma kienx post fejn il-konvenut kellu jieqaf biex inaddaf il-hgieg, meta bil-manuvra tieghu kien qed jimblokka triq. Inoltre jirrizulta li l-incident tassew gara minhabba li l-"coach" imxiet lura, u habtet mal-vettura ta' l-attur kif indikat fl-isketch. Ghalhekk ghall-incident ghandu jahti unikament il-konvenut.**
8. **Dwar id-danni li garrab l-attur, dawna jirrizultaw mir-ritratti (Dok.B, C u D) u r-ricevuti Dok. E, F, G u H. Jirrizulta li kien hemm b'kollox is-segwenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **i.** | **parts: headlamp** | **Lm35.16** |
| | **indicator** | **Lm10.03** |
| | **front fender** | **Lm50.92** |
| **ii.** | **spray u panel beating** | **Lm80.50** |

**Dawna b'kollox igibu l-ammont ta' mija u sitta u sebghin liri Maltin wiehed u sittin centezmu (Lm176.61).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata in kwantu ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba limitatament fl-ammont ta' mija u sitta u sebghin liri Maltin wiehed u sittin centezmu (Lm176.61), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma imsemmija ta' mija u sitta u sebghin liri Maltin wiehed u sittin centezmu (Lm176.61) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza , inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 5 ta’ Jannar, 2000, u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma’ l-avviz lis-socjeta` Omnibus Pool, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**